# IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU

**Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.**

*Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

**50.** **14 ta' AUUISSU 1909.** **L-EUUEL SENA**



FTEHIM.

**Hadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafnix, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux igedded, ingħoddu bħalha 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel disa xhur b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand il Fotografu VELLA u għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, it-tnejn fi Strada Rjali ta'l Belt fejn jista jsir il ħlas ta'l gazzetta ucoll. L-ittri għa'd-Direzzjoni għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo, għal l-Amministrazzjoni għand il Cav: G. E. INGLOTT, 24, Rue D'Argens, L-Imsida.**


# INDUSTRIJI MALTIN.

F'xi numri imgħoddija ta'n-« Naħla » tchellimt fuk xi industriji li jistgħu jitnisslu b'capital żgħir u bi kliegħ cbir f'pajjisna ħalli jtaffu ftit il għacs li ŭsalna fih. Daŭc l-articoli, milli chitbuli ħafna imsieħbin, intgħoġbu ħafna, u għalhecc illum sejjer nitchellem magħcom fuk industriji oħra li bla tbatija u bi flus ftit jistgħu jinbtu fostna b'gid cbir għalina.

Irrid nibda biex insemmi it-tnissil ta'l OSTRICHI li huma tant imfittxa f'pajjisi oħra. Jiena da'l ġranet tħadditt ma' ŭieħed m'il imsieħbin tiegħi, certu Ġużè Bartolo m'il Birgu, ŭieħed m'il bugħaddasa l-actar kalbiena u ta' ħila li għandu Pearson, u dana billi jaf il kiegħ ta'l baħar tagħna xiber b'xiber għarrafni li daŭna l-ostrichi bħal ma ucoll il gajdri jicbru ġa f'xi irkajja f'il Port il Cbir tagħna u li hu m'hux biss chemm il darba gieb minnhom iżda li tgħallem ucoll chif fihom ijsib il ġahŭar li jkum tant flus. Dana il ġaŭhar malti intgħoġob ħafna u naf ġa b'xi sinjuri maltin li xtraŭ minnu.

Għaldakstant jidhirli li il bejgħ ta'l ostrichi u it-tfittix ta'l ġaŭhar f'il gajdri jistgħu jsiru ŭaħda m'il aħjar industriji tagħna billi tħaddem ħafna nies ta'x-xtut biex ijrabbu u jgibu l-ostrichi, u billi jaħdmu ucoll ħafna tfajliet meta jgħallmuhom chif ijfittxu il ġaŭhar fihom.

Ħafna snin ilu, fl-*Arte*, il Professur Nicol Zammit (li ma'l għerf cbir li chellu, f'kalbu chellu ucoll imħabba cbira lejn pajjisu), chiteb articolu sabiħ ħafna fuk l-« Ostricoltura », igifieri fuk it-tnissil u it-trobbija ta'l ostrichi f'Malta, u xtak ħafna li dina l-industrija tinbet f'il pajjis; u ħafna chien tħabat ucoll is-Sur Payas, li chellu kalbu taħirku ħafna biex ijmixxi il pajjis il kuddiem u li hu l-aŭtur ta' dac id-dizzjunarju ingliż-taljan sabiħ ħafna li haŭn jiġri għal bejgħ fl-idejn b'il koxra safra.

Iżda ix-xeŭka sabiħa u ta' fejda tagħhom, bħal ħafna ħŭejjeġ sbiħ u ta' fejda oħra, bakgħet sejjra ma'r-rieħ li chien għaddej.

Illum jien ŭara li krajt dac l-articolu sabiħ u li bi ħsiebi ingib f'in-« Naħla » actar il kuddiem, ŭara li krajt fuk il gid li kiegħda thalli l-industrija ta'l ostrichi u ta'l gajdri f'pajjisi oħra, u ŭara li tħadditt ma's-Sur Bartolo li semmejt u dana kalli m'hux biss li l-ostrichi u il gajdri jistgħu joctru tajjeb ħafna fl-ibħra tagħna iżda ucoll li nistgħu nieħdu ġaŭhar sabiħ, tħajjart li narġa inkankal dina il pedina biex forsi ma tafx chif xi ħadd jitħajjar jitkankal dina l-industrija li ma tinħtieġx capitali ħoxna u lankas għerf cbir, iżda li tista tcattar ix-xogħol u iżżid il gid f'daŭn il gżejjer.

Ftit bogħod minna, in-naħħa ta' Taranto f'il Calabrija hemm ħmiemel cbar ta' ostrichi u billi jimbagħtu Barra jidħlu f'il pajjis flejjes cbar u tista tgħid li il cotra ta'n-nies ta'x-xtut ta' hemm tgħix minn hecc. Issa ingħid jien ġa la darba l-ostrichi jicbru fl-istess baħar tagħna u ftit mjel bogħod minna għala ma għandhomx jicbru f'ix-xtut tagħna ucoll?

Jeŭŭilla in-nies ta'x-xtut ta' Taranto huma nies actar ħaŭtiela jeŭ actar intelligenti minna? Ma jidhirlix! Biss nifhem li lil daŭc hemm min ijgħallimhom u jiftħilhom għajnejhom chif jistgħallu il gid li għoġbu jatihom Alla, u huma actar ħaŭtiela biex ijmiddu għonkhom b'mod li jista jcun ta' gid għalihom u għal pajjishom, u ma jitniccrux bħalna li b'il fors ijridu jakilgħu il buccun ta' żakkhom m'it-Tarznar jeŭ m'il bastimenti ta'l gŭerra.

Fi Franza hemm belt ftit bogħod minn Bordeaux li jisimha Arcachon u li fiha bi ħsiebi nkatta xi jumejn billi hi ŭaħda m'il isbaħ postijiet li hemm fuk il *Ccsta d'Argento* u li fiha f'is-sajf ijmorru fuk il mitejn elf frustier biex jiddevertu. F'dina il belt żgħira ŭisk actar minn ta's-Sliema billi ma tagħmilx nies ta'l post actar minn tmien t-elef ruħ għarfu il Franċiżi jnibbtu żeŭġ industriji sbiħ ħafna u li kiegħdin ijħallulhom f'butthom il belli flejjes. Ŭaħda minn daŭn l-industriji hi dic li għarfu jiġbru il frustieri (l-actar ingliżi u americani) f'pajjishom billi ħolkulhom il cumditajjiet collha li jinħtieġu u saħansitra bneŭlhom villel li jincreŭ b'il mitt lira f'ix-xahar. Biex daŭna il frustieri jitħajjru jibkgħu hemm f'ix-xitŭa ucoll bneŭlhom, kalb il boschijiet u ftit bogħod m'ix-xtajta belt *La Ville d'Hiver* fejn ma jaħcmux tant u la il baħar u lankas il bart billi imdaŭŭra b'is-sigar ta'l pin, u ħolku fiha il cumditajjiet collha li bniedem jista joħlok biex jiddeverti lil sieħbu. U billi it-temperatura bejjienija ma hix kalila jmorru hemm bosta morda b'sidirhom, ingliżi jeŭ americani, biex jaħirbu il kalla ta'x-xitŭa ta' pajjishom. Minn jista jiħem chemm eluf ta' liri f'is-sena jħallu daŭc il mitejn elf passiġġier li jmorru jkattgħu ħafna xhur fosthom! Ma dan cull nhar ta' Ħadd minn Bordeaux jcun hemm xalati għal xatt il baħar bi prezzijiet irħas u eluf ta' nies minn Bordeaux u bliet oħra f'il krib ijmorru jkattgħu il Ħadd jiddevertu f'Arcachon.

Iżda dan m'hux b'iż-żejjed għalihom. In-nies ta'x-xtut ta' hemm għarfu jnisslu il gajdri u m'hux biss ijbiegħu l-eluf minnhom lill passiġġieri li jcun hemm iżda jibagħtu ucoll minnhom f'pajjisi oħra u ta't tliet mitt miljun ostrica li jsiefru jdaħħlu f'buthom ma'l erba telef lira sterlina f'is-sena. B'hecc Franza hi ŭaħda m'il actar nazzjonijiet għanja ta'd-dinja għaliex in-nies tagħha huma ħaŭtiela u jafu jħaddmu rashom għal dac il gid li bagħtilhom Alla. Jeŭŭilla il clima ta' Malta ma hux aħjar min ta' Arcachon f'ix-xitŭa? Forsi ma għandniex baħar bħal tagħhom biex innisslu l-ostrichi u ncattru il ħidma u il kliegħ ta'l flus?

Imma haŭn Malta ma nippretcaŭx ħlief.... f'id-desert. Jecc il bajtra ma takax f'ħalkna nibkgħu ncejjku b'il ġuħ f'ix-xemx.

Iżda jecc haŭn xi fula f'kargħa ta' xi ŭieħed jeŭ tnejn li jixtieku jafu aħjar chif jitnisslu daŭna l-ostrichi jiena issa la immur Arcachon ingħarbel tajjeb u ingħarrafcom f'in-« Naħla » stess bħal ma bi ħsiebi nistħarreġ fuk xi industriji oħra biex niftaħ f'in-« Naħla » għajnejn daŭc li forsi jitħajjru għal gid tagħhom u ta' pajjisna.

# Niftehmu tajjeb!

Ŭieħed biss fost l-imsieħbin tagħna collha, li jlaħħku l-elf, tmeżmeż billi kal li l-articolu di fondo ta'l gimgħa l-oħra chien kaŭŭi ŭisk u li baża li bih jixxeŭŭex il poplu u jkum f'xi rivoluzzjoni jeŭ jagħmel xi assassinju politicu. Biex inneħħulu dina il beżgħa u biex ma natux loc lil għedeŭŭa tagħna li jkabbdu difrejhom biex ijħaddmu ilsienhom contra tagħna u jxeŭŭxu contra in-« Naħla » irrid infaccar li jiena KATT U KATT ma xeŭŭixt il poplu għal l-ebda ħaġa li ma hix ħlief scond il-Ligi.

Nixtiek iva li naraħ jitkankal ftit, li jitlob b'actar ħeġġa id-drittijiet tiegħu, li jxeŭŭex ftit b'il meetings jeŭ b'xi dimostrazzjoni bħal dari ħalli juri li ma hux cuntent b'il mod li hu maħcum u biex jara jistax jakla daŭc id-drittijiet li jistħokkulu bħalha poplu m'hux mirbuħ u li ma jtuħx biss b'is-siek għaliex hu żgħir ŭisk, iżda KATT ma għadda biss minn moħħi li nxeŭŭxu għa'r-ribelljoni jeŭ għall assassinju politicu. Barra minn haŭn seba ħarat bgħid! Mela aħna f'Barcellona!

Jiena lil poplu inħobbu u nixtiek il gid tiegħu u għalhecc ma jista jcun katt li nkabbdu triek ħażina jeŭ triek li billi naf li hu dgħajjef ħafna ma jista jasal biha imchien.

Mela ftehimna: nagħmlu dac collu li hu scond il-Ligi iżda contra il-Ligi KATT u XEJN.

# AĦBARIJIET TA' BARRA.

**Il Princep Ġorġ** dac li ftit ilu cieda il curuna tiegħu għa't-tron ta's-Serbja hu ŭieħed m'il actar li jafu jisparaŭ tajjeb f'id-dinja. Ftit ilu ŭaħda sinjura talbitu biex jisparalha għal l-imsielet tagħha f'ŭidnejha stess u hecc għamel; u b'għageb ta' cullħadd tajjrilha b'il balla iż-żeŭġ imsielet minn ŭidnejha bla ma għamlilha ħsara ta' xejn. Gulielmu Tell ieħor!

**F'Annover**, f'il Germanja, il Pulizija kiegħda tħarrec lil daŭc in-nisa collha li jgibu splenguni f'il cpiepel b'mod li jistgħu jcorru lil xi ħadd; u kiegħdin jiccundannaŭ lil daŭc li jolktu lil xi ħadd bihom bħalha responsabbli ta' feriti lill għajrhom. Haŭn Malta ucoll f'x'uħud beda dieħel dana il vizzju icreħ li jista jgib ħafna disgrazzi.

**Massenet**, il famus compositur ta'l musica franċiż, chiteb opra ġdida « Don Chisciotte » li sejjra issir l-eŭŭel darba f'Montecarlo. Il librett hu ta' Cain u hu meħud minn fuk ir-romanz ta'ċ-Cervantes.

**Is-Surmast Gennaro Abbate**, li chien haŭn Malta, ftit snin ilu, bħalha Direttur ta'l Orchestra ta'r-Real, ħa l-eŭŭel f'concors li sar f'Catanja da'l ġranet għal l-aħjar *trio* ta' vjolin, vjolincell u pjanuforti. Nifraħlu b'il kalb collha għaliex ħakku għal ħila tiegħu.

**F'Barcellona** ix-xeŭŭiexa katgħu it-telefonu u għakkduħ ma' fejn chienu jinsabu huma u b'dana il mod ħalleŭ lil Ministru għal jumejn sħaħ bla aħbarijiet ta' xejn. Meta il Ministru ried ijchellem lill Prefett ŭiegbu ŭieħed m'ix-xeŭŭiexa f'it-telefonu u meta semgħu l-ordnijiet ta'l Ministru li chien kiegħed jati contra tagħhom infexxeŭ jidħku chemm jifilħu. Il ħŭienet il cbar ħarbtuhom collha u serku minnhom chemm felħu. Ħafna vjaġġaturi marru biex jieħdu ritratti ta'l ħsarat li saru. Ix-xeŭŭiexa ŭaslu fi ħruxija hecc cbira li katlu sa sacerdoti fuk l-artal f'il ħin li chienu kiegħdin ijkaddsu u f'is-sorijiet ħaġġruhom u lil xi uħud katluhom ucoll u bi rjushom ħarġu jiggerreŭ u jgħajjtu f'it-torok. Ħruxija li lankas it-tigri ma jaslu fiha u imbagħad dan ġara fi Spanja fl-art imsemmija għal kaddisin cbar li tat lil Cnisja. Sa gimgħa oħra jifhmu li collox jarġa jokgħod quiet. Il feruti kiegħdin ijdaħħluhom f'id-djar u il familja Larios tat għalihom erba mitt sodda. Jifhmu li dana it-tixŭix ta' Barcellona ma giex imkankal ħlief m'il anarchici billi sabu hemm ħafna irmixc ta' nazzjonijiet oħra maħruba m'il ħakk ta' pajjishom, iżda il General Santiago malajr sab tarfhom u rakkad collox. Nhar il gimgħa li għaddiet mija u ħamsin m'ix-xeŭŭiexa geŭ iccundannati għal meŭt. Spanja sa ftit ġranet oħra tibgħat 35,000 suldat f'Melilla u il Mori bdeŭ jakilgħu fuk ŭiċċhom ġmielhom.

# Lil S. LAURENZ.

Talbuni ħafna da'l ġranet u jiena xtakt ħafna ucoll li nicteb xi poeżija biex infaħħar il kalbieni kaddis ta't-Tŭemmin Nisrani Laŭrenzu, iżda żmien ma sibtx billi ma't-taħbit l-ieħor ta'l gazzetta u ta'l Korti żdiedli dac ucoll ta't-tħejjija ta's-safar. Għaldakstant sejjer narġa nistampa dina il poeżija b'it-taljan li cont chtibt f'1893 igifleri sittax il sena ilu u meta ma chienx għad għandi ħlief għoxrin sena.

## A S. LORENZO.

« *Nos quasi senes levioris pugnae cursum recipimus: te autem quasi iuvenem manet gloriosior de tyranno triumphus.*
SAN SISTO AL LEVITA.

Con torvo ciglio il rabido
Sovran de'l Tebro guata il foco e grida:—
—« sgherri, le dire arroventate cuspidi;
vinca sterminio su la setta infida. »
Ciechi a'l suo verbo, subito,
la pira aïzzan che per pièta langue;
l'aïzzan quelle belve ebre di giubilo,
la brama per saziar empia di sangue.
I raggi impallidiscono
de'l biondo Febo, apportator di luce;
ma su le gote de la plebe cupida
di fiere scene ch'a'l martir conduce
di Cristo il Campion placido
brilla il tripudio e su'l suo labro il riso.
Oh! come lieto in cor fornisce il tramite
di strazî che lo mena al paradiso.
Agli astri un urlo funebre
leva la prole di Quirino fiera;
su feral grata ignudo è messo il giovine,
e già di fiamme inviperita schiera
invade il corpo fragile
che un dì le labra d'una madre cara
molcean di baci:—ma lo spirto è cupido
di vôtar tutta questa coppa amara;
e gli empî ferri svegliano
gli efferati uccisor; con ardor fiero
qual tigre ircana ognun le caste lacera
membra del forte d'Adonai guerriero.
Aspro è l'agon: ma intrepido
è pur l'atleta di Sïon vittrice:
arder non vuole il timiama a gli idoli,
anzi a'l tiranno Valerian si dice:—
—« Non ti pavento, o barbaro,
pe'numi tuoi sol sdegno sento in core,
Geòva è il Dio ver, l'eterno, l'unico.... »
sorride, guarda il Ciel.... LORENZO môre....
Scuoti, o coorte angelica,
gli aurei vanni e su'l fronte a'l gran Levita
questo serto deponi. I fior son miseri
ma son corona da l'amor nudrita.

Jecc taħfruli għamili (u min hu dac f'id-dinja li ma jifraħx b'rixu?) sejjer ingib l-ittra li chien baghatli il cbir letterat malti Ramir Barbaro di San Giorgio, li dic il ħabta chien Professur ta'l Letteratura Taljana fl-Accademja Humbolt ta' Berlin u li minnha jista jitgħallem xi ħaġa ħaddieħor ucoll. Jecc xi mischin, ŭara li jcun fliegħa b'il lenti ta'l mibegħda u ta'l vendetta jsib xi żelluma u jgħarrafni biha nieħu gost li nisma il fehma tiegħu ma' dic ta'l Prof: Barbaro. Biss chiecu jipprova jurina x'jaf jagħmel aħjar minna hu jati, naħseb jien, risposta aħjar.

Ad Agostino Chierico Levanzin.

Berlino, W. 12 Lutherstrasse.
12 dei 1903.

Fratello mio in Apollo,

Quantunque i preparativi della partenza mi tengano al collo come un certo supplizio chinese, pure a lei, pel suo forte ingegno, debbo rispondere e non alla spiccia. I suoi versi « A.S. Lorenzo » li aveva già letti nello « Studente, » e me ne compiacqui come d'*opera forte*. Dunque, se ha tanto ingegno lavori, studii, si emendi di qualche suo difettuccio nella forma—e avanti sempre per onore di Malta nostra adorata. Avanti, in nome e per onore del Cristo—Dio, secondo la miglior formola romano-maltese, che dev'essere il credo nostro, fratello mio! Su ciò sono certi miei intendimenti co'quali alzerò vessillo in letteratura quando avrò il sommo gaudio di vederla *nel mio paese* cui spero confidare queste mie povere ossa.

L'è proprio una gioja per me il vedere giovani maltesi del suo ingegno; eme ne rallegro come di cosa mia. Nondimeno alla mia età e con questo uso di lettere, donde ho attinto pure qualche esperienza, le grido: « freni il torrente delle parole, e queste guardi con occhio di padre severo anzi che troppo amorevole! E, poi, stia sempre sulle armi contro inutili e perniciose innovazioni! Certe riforme letterarie vanno poste in un fascio con le così dette riforme-religiose—e che i savî se ne guardino! E mi dica: perchè non rispetta l'ortografia di Dante e di Leopardi? Ma questo glielo chiederò a voce. Intanto prenda il componimento in mano e legga con me:

*A. S. Lorenzo*, poesia scultoria, bellissima, che si slancia fuori delle solite fiabe rimate, per manifestare non un fabbricante di versi, ma un poeta, il *dichter* de' Tedeschi. Non doveva scrivere *quelle belve ebbre* con sei *e* di fila la stessa mano che ha scritto la magnifica strofa *invade il corpo* fino ad *amara* e tante altre bellezze grandi. No i *fior* non *son miseri*; è il giardinere che qualche volta gli ha tremato la mano nell'innaffiarli, come, verbigrazia, quando si lascia sfuggire un verso quale *pe'numi tuoi sol sdegno sento in core;* il resto *tutto* splendido.

Le ho detto la verità della quale verrà certamento in questa convinzione, che con uno, due o tre colpi di lima, lasciando stare il Carducci, il Panzacchi ed il Guerrini, imitatore del tedesco Heine, e ritemprandosi invece alle pure sorgenti della italiana poesia potrà dare a Malta ciò che avrei voluto darle io—onoranza di vero e cristiano poeta.

Le rendo grazie delle sue affettuose parole; l'affetto de' giovani maltesi e di giovani pari a lei—mi farebbe piangere di contento dopocchè ho pianto sì fortemente e sì lungamente di dolore.

L'abbraccia col più forte affetto
RAMIRO BARBARO

che si augura in lei un sacerdote maltese degno della patria per mente e per costumi. »

***

Min ijrid jara din l-ittra merħba bih, u irrid ingħidilcom li ħarget m'il caxxun fejn ilha merfugħa da'ż-żmien collu biex nuru ftit lil dac il collega li jħobb ħafna jinħeba ŭara xi mischin biex jitfagħli il gebel li barra m'is-sŭat tiegħu f'il *Brighellino*, f'id-*Daŭl* u f'il *Giaħan ta's-Soltu* sibna xi darba min ŭera fukna xi fehma tajjba u li tisŭa ŭisk actar minn tiegħu.

# Il Melodramm Malti.

(*Jissocta minn numru ta' kabel.*)

F'il « Gazzetta di Malta » ta's- 6 ta' Mejju 1898 insibu daŭn il chelmiet :—

*Malgrado queste ed altre circostanze avverse, il Maestro Vassallo, fiducioso sempre nella genialità dalla sua musica, si diede ad affrontare il giudizio maltese e riuscì vittorioso. Anche in questa circostanza la sublimità della musica ha trionfato sulla scipitezza del libretto—questa volta il trionfo è di maggiore importanza perchè sulle scene, più che in un concorso, è molto maggiormente necessario un buon libretto per avere un successo. E il successo avuto dal Maestro Vassallo è legittimo, indiscutibile, meritato. La sua musica è di un genere che rapisce ed incanta. Egli conosce profondamente l-effetto di ogni strumento e tanto da rivestire la sua musica con una strumentazione che il Massenet, il grande Massenet, chiama superba. Ha una forza di descrizione propria dei grandi Maestri. In tutto lo spartito egli si è rivelato per musicista di genio e di gusto e per profondo conoscitore della scienza musicale, ed il modo in cui sono introdotti e disposti gli strumenti di ottone sono di ciò la più ampia prova,* u hecc tibka tfaħħar l-opra f'il bcejjeċ tagħha ŭaħda ŭaħda u tispiċċa l-articolu sabiħ u li jidher li hu mictub minn ŭieħed li jifhem billi tgħid: « *l-opera del Maestro Vassallo dimostra in lui grande fibra, inesauribile vena e vasta scienza musicale. Ed è maggiormente da ammirarsi quando si pensa che egli ha saputo ricavare tanti effetti, sfoggiare tante bellezze peregrine e sobrietà di concetti, e dare tanta novità al colorito su di un libretto che nessun altro musicista avrebbe mai accettato di rivestire delle sue note.* »

Meta saret din l-opra f'it-Teatru l-artisti ma cantx kalgħuha b'iż-żejjed tajjeb u għalhecc il «*Malta*» tcompli: *se, nello assieme l'esecuzione fosse stata più corretta, l'opera avrebbe avuto un successo anche più clamoroso.* Il parti ta' *Francesca* għamlitha is-Sinjurina Ester Adaberto u dina cantat il biċċa jiebsa tagħha, billi il kantar collu chien mitfugħ fukha, « *in modo da meravigliare.* » Il parti ta'l *Omm* għamlitha is-Sinjurina Torretta « *che diede un ottima interpretazione al personaggio.* » Il parti ta' *Gianciotto* refagħha il bravu baritonu Bonini, « *che si diportò da artista perfetto,* » u il parti ta' *Paolo* għamilha it-tenur Giuseppe Pagliano « *di cui sarebbe meglio tacere* » jgħid *Alfio.* L'opra iccuncertaha u mexxiha bi ħrara u ħila cbira il Bravu Direttur ta'l Orchestra Bovi, « *e colla sua diligenza e colla sua capacità ha saputo ricavare tutti gli effetti voluti dal Maestro Vassallo.* »

Fuk dina l-opra f'il *Patriota* ta'l 11 ta' Mejju 1898 insibu xi ħaġa li ħakkha min ijżidha. Dana jibda biex ijgħidilna li din l-opra chien faħħarha ħafna is-Surmast Massenet, u għalhecc il bravu letterat malti, l-Avucat Salvu Castaldi, fuk iċ-centru-għall-fjuri ta'l fidda ndurata li taŭ l'is-Surmast Vassallo ŭebbilhom jonkxu « *Onoriamo chi la patria onora.*» Il Prof: Castaldi chien chitiblu ucoll epigrafi sabiħa ħafna b'it-taljan li għal ġmiel tagħha irrid niġborha f'in-« Naħla » u li hi din :—

*A*—Paolino Vassallo—*questo recinto—consacrato alla più gentile—alla più nobile fra le Arti—non risonò giammai—di plausi più sinceri più degni—giammai partì più vivo—dal cuore Maltese—il grido di gioja e d'orgoglio—oggi—cingiamo di alloro—la nobile fronte*—Maltese—*su cui la bellezza onnipossente—dell'Arte—manda il suo raggio sempiterno—operatore di meraviglie.—Diciamo gloria—a chi dà gloria novella—alla soave perla del Mediterraneo.—Gettiamo fiori e rose—sul cammino—dell'Artista forte e gentile.*

Dana iċ-centru ta'l fjuri ippresentaŭhulu fuk il palc ta't-Teatru il Prof: Castaldi, il Prof: Ullo Xuereb u l-Avucat P.P. Amato, u l-erba chelmiet li kallu il Prof: Castaldi b'dac it-taljan tajjeb li chien jaf hu għaxxku lil cullħadd. Il Banda « Prince of Wales » tatu Lira musicali u il Banda « La Vallette » tatu bugija ta'l fidda; il Banda « San Giorgio » mn'-idejn il President tagħha il patriotta G. Bencini tatu centru ta'l fidda sabiħ ħafna, u Lira Musicali oħra tah iċ-*Circolo Silvestri* ta' Bormla li tiegħu hu Direttur il bravu Surmast Ġanni̇eliċ Buħagiar mn'idejn il President Dr: E. Cauchi, dac it-tabib li daks li hu bravu daks tant ieħor hu umli u jħobb lil pajjisu; u tchellem għalihom it-Tabib Inglott bħalha President-Onorarju. Il Banda « Beland » tatu clamar ta'l fidda; is-Sinjurina Stella Salomone, allieva tiegħu, kasrija ta'l fidda, u kala' curuni u xi rigali oħra fosthom daŭc ta's-Surmastrijiet Bovi u Malfiggiani.

Mela l-Amor Fatale m'hux biss kala it-tifħir Barra iżda f'Malta ucoll fejn biex ijfaħħru ħaġa trid tcun ŭisk tajjba billi il għejra ħadra li ticsi l-uċuħ ta'l cotra ta'l Maltin ma tinbixhomx ħlief biex ijżebilħu u jmakdru imkar il dac li fi klubhom ijcunu kiegħdin jitgħaxxku bih.

Fl-1904, is-Soċjetà ta'l Arti, Manifatturi u Cummerċ tagħna għamlet concors bejn il Compostituri Maltin u ŭiegħdet premju ta' ħmistax il-lira lil min jirnexxi l-eŭŭel ŭieħed. Inbagħtu seba bcejjeċ, per mezz ta'l Conslu Taljan, bla isem u magħlukin, lil l-Accademja ta' Santa Cecilja ta' Ruma u daŭna ħatru lil Giac: Setaccioli, Alessandro Costa u E. Pinelli biex jaraŭ liema chienet l-aħjar biċċa; u daŭna b'fehma ŭaħda, kalu li l-aħjar *overture* chienet dic ta'l Prof: Vassallo « Ad Gloriam, » u li l-oħrajn chienu ħafna l-ura minnha.

Mela il ħila ta's-Surmast Vassallo m'hux biss faħħruha Massenet u il ġurati ta'l Concors Moody-Manners, iżda ŭara it-trionf ta'l Amor Fatale f'it-Teatru tagħna chellhom issa jfaħħruha il ġurati ta'l imfaħħra Accademja Reali ta' Sta. Cecilja ucoll li hi ŭaħda m'il-akŭa li haŭn f'id-dinja.

***

Iżda l-acbar xogħol ta'l Vassallo hu il Frazir u għalhecc bi ħsiebi nitchellem ftit f'it-tul fuku.

Il-librett hu xogħol dgħajjef ta'l Avucat u Prof. intelligenti ħafna Michelanġ Refalo ta' Għaŭdex. Għidt li hu dgħajjef għaliex fejn il-libretti li kiegħdin ijsiru għa'l-l-opri ta'l-lum f'pajjisi oħra ma hux ħliet xogħol fkir ħafna u li forsi chien il ħtija li l-opra ta'l Vassallo ma setgħetx timxi Barra, iżda meta ŭieħed ijgib ftit kuddiem għajnejh li dana il-librett chitbu meta chien għadu żagħżuħ ħafna u li hu l-eŭŭel xogħol tiegħu ma jistax ħlief ijfaħħru. Is-soġgett hu meħud minn fuk is-*Susanna* ta'l Proc: Leg: G. Muscat-Azzopardi, soġgett fkir ħafna biex ŭieħed jista jibni fuku opra ta' teatru u li billi fiħħar tiegħu jigi xi ħaġa m'ir-*Rigoletto* kiegħed l'is-Surmast Vassallo f'tabxa cbira ħafna billi b'il fors chellu jgerri ma'l Cbir Verdi biex ijdaħħal tempesta biex tokgħod ma genb dic ta'r-*Rigoletto* li ma tmut katt.

Il Frazir sar l-eŭŭel darba f'it-Teatru Rjal tagħna f'il 15 ta' Marzu 1905 u il pubblicu lakgħu b'applaŭsi u tifħir liema bħalhom.

(*Jissocta.*)

# GĦA'N-NISA

**Jecc l-ichel ma jgħaddix malajr** m'il istoncu tiegħec katt tiecol ħobż frisc u sħun iżda bascat il ħobż ta'l ġurnata ta' kabel.

**Żommu termometru** f'id-dar n tgħallmu akraŭh biex meta tħossu l-uliedcom ftit sħan tcunu tistgħu tafu jecc għandhomx deni jeŭ le u b'hecc la tcunu ittrascurajtu id-deni jecc ijcollcom u lankas tcunu kankaltu it-tabib għal xejn jecc ma jcollcomx. U ftacru li it-termometru ma għandcom tisilfuh lil ħadd għaliex jista jgib l-ingiesa u aħjar ijcollcom termometru tagħcom milli tużaŭ dac ta't-tabib.

**Meta jikdiemu it-tŭapet ta't-turgien** la tarmuhomx. Neħħu il ħażin tagħhom u żommu l-istrixxi li jibkgħu tajjba. Kabel tkiegħdu it-tapit il ġdid kiegħdu taħtu strixxa cull tarġa m'it-tapit il kadim seŭŭa seŭ fejn jirfes ir-rigel ta' min jitla u jinżel. B'hecc it-tapit il ġdid ijdum ijservi iżjed u min jirfes fuku jħossu artab u aħjar. Jecc l-istrixxi ta' taħt tŭaħħalhom b'it-taċċi jeŭ tincullahom ijcun aħjar.

**L-ixcafef ta'l ccina** la tinforrahomx b'il carti u l-actar b'il gazzetti li min jaf mn'idejn min ijcunu għaddeŭ, iżda b'incirata bajda li issammarha b'it-taċċi. B'hecc ma tokgħodx ta' cull darba tbiddel il carti biex iżżommhom indaf, u b'dakka ta' sponża niedja jcollhoc il ccina nadifa donna xummiema.

**Biex ma jitħammġux il bibien** b'is-sŭaba ta' min jiftaħ jeŭ jagħlak għamlu hecc: Aktgħu biċċtejn incirata u sammruhom fejn ŭieħed jakbad il bieb, ŭaħda cull naħħa, bl-imsiemer ta'r-ram u kejsu li l-incirata li tagħżlu tcun ta' culur scur. B'hecc tiffrancaŭ ix-xogħol li jinħtieġ biex iż-żebgħa tibka dejjem nadifa.

**Okogħdu attenti** li ma tlibbsux l'it-tfal żraben jeŭ calzetti żgħar għaliex jistgħu jħassrulhom rigilhom għal dejjem. Iż-żraben ta't-tfal għandhom dejjem ijcunu ftit itŭal billi rigilhom ijcun ijrid għad jicber dejjem.

**Ŭieħed għaref American** kagħad ħa il pacenzja li jgħodd chemm il żŭieġ ijsir culljum ma'd-dinja collha u sab li daŭna jlaħħku ma't-tliet t-elef cull jum. Tasseŭ li ma hix sejjra tispiċċa għal issa id-dinja!

**Jecc tridu li it-tubi ta'l lampi** ma jinchisrux agħmlu hecc: kiegħdu it-tubu fl-ilma chiesaħ, f'cazzola cbira, u kiegħduha fuk in-nar ħalli l-ilma jisħon b'il mod sa jiftaħ jagħli; niżżlu allura il cazzolla iżda la terfgħux it-tubu kabel ma l-ilma jarġa jicsaħ seŭŭa. Tubi imgħoddija m'il misħun hecc xi dakkiet ijservu snin u għalhecc il ftit csir ir-ras li tieħdu m'hux mitluf. Kejsu li it-tubu jcun imgħarrak collu fl-ilma.

**L-aħjar ħin biex tiecol il frott** hu f'il għodu malli tkum meta tcun għadec ma daħħalt xejn fl-istoncu tiegħec.

LUCIJA LEVANZIN INGLOTT.

# Il Malti għal Maltin.

**Ċarrut**—il ġonta raba li tibka żejda meta ŭieħed ijrid jagħmel qŭadra għalka li ma chienitx.

**Ċarru**—strixxa raba jeŭ drapp.

**Tiċfi**- tgħaddi is-suf m'il moxt biex tnaddfu seŭŭa.

**Cefcik**—il ħmieġ ta'l għajnejn. **Cefċuk** min għandu għajnejh impeċpċa.

**Cejk**—l-għajat ta'l flieles. « Ħallieh icejjak għal xejn »—ijħambak, jitmasħan, jistenna għal xejn.

**Cepħa**—ħaġra, blata. « Ajma x'int tkil donnoc cepħa. » « Tkankal, cepħa! » tgħid lil xi ħadd għażżien li biex jitkankal ijrid paranc.

**Ceppun**—bħal curpett irraccmat li in-nisa antichi maltin chienu jilbsu minn fuk il ħŭejjeġ.

**Ċfollok**—ħaġa li ma tisŭa għal xejn. « Puh dejjem tixtri xi ċfollok. » « Għandi mitt ċfollok kuddiemi »—mitt ħaġa żgħira ta' xejn li jimleŭ ir-ras. « Dejjem jinkala xi ċfollok »—xi ħaġa żgħira, ta' xejn, iżda li tfixclec, tinqŭietac.

**Ciec**—dic il għuda li biha jdokku it-tajjar.

**Cifciha**—fergħa ta' siġra tarija, milli ħarġu l-aħħar u li tilŭigħa malajr.

**Cicc**—ħmar xieħ u magħcus li ma jiflaħx għa'x-xogħol iżjed. « Ajma imxi donnoc cicc. »

**Cinnatata**—il platti li jdokku f'il banda.

**Cirru**—carmus, it-tieni frott ta't-tin.

**Ċlamit**—madum.

**Ċlamp**—dlamm, meta l-ajru jcun dens u umdu. « F'għajnejja ma narax ħliet ċlamp »

**Ċmajra**—tetnu, għaxŭa cbira li fiha uieħed jitħabat ħafna; għalhecc ingħidu: « għandi tifel ċmajra » meta jcun imkareb ħafna.

**Ċnisa**—it-trab u il frac ta l faħam.

**Ċuplajs**—basal ta'l baħar li hu artab ħafna; għalhecc ingħidu « il għagin sar cuplajs »—sar għasida, artab ħaxu.

**Ċupla**—dac li jixgħel il gigdifogu.

**Tidfor**—tirranġa flimchien « Tidfor xagħrec, » « dafra ŭard għal ras il Madonna. » « **tindafar** »—tlakkat ħafna ichel minn haŭn u minn hemm.

**Dagg**—cull annimal li jasal f'iż-żmien li jista jcattar.

**Dahar-il-ħadd**—dac il ħanec ħamrija li jitla bejn iż-żeŭġ ħofriet li jagħmel il moħriet meta jaħirtu.

**Tidħol damma**—tagħmel ħbiberija cbira.

**Dacar**—ir-ragel (*maschio* b'it-taljan); minn haŭn «iddaccar.» In-nies ta'r-raba tagħna jgħidu: « Il berak duccar ix-xita » igifieri li il berak igiegħel l'ix-xita tinżel.

**Dali**—spiss, sicŭit. « Jocrob dali »—bla ħeda. Minn haŭn actarx gejja il għajjta ta'l imgħallmin meta jsammru il cunjardi ta'l puntali f'il bacil.

**Dejma**—is-suldati li chienu *dejjem* lesti biex ijħarsu il Gżira m'il egħdeŭŭa; daŭc li chienu jgħassu *dejjem*.

**Iddamdam**—tagħmel l-ecu. « Ŭidnejc ijdamdmu."

**Iddomm il koton**—toħorġu m'il koxra.

**Tiddandan**—tilbes bl-eleganza. « In-nisa dejjem moħħhom f'il giri u f'id-dandin. »

**Dagħbien**—ciclun, riefnu kaŭŭi jeŭ ħofra cbira u fonda f'il blat; abbiss.

(*Jissocta.*)

# RUSANNA

(*Tissocta minn numru ta' kabel.*)

Jum fost l-oħrajn chien kiegħed collu ħusbien jippassiġġa ma' tul il camra jberren b'moħħu fuk din l-imħabba tiegħu għal Rusanna. Ix-xŭejjaħ Censu u Rusanna chienu ma' genb il fuclar jisħnu u jitħaddtu fuk l'imgħallem li chellu kabel Carlu. « Dan, » kalilha Censu, « chien ragel ta'l għakal ŭisk. Għix dejjem ta' galantom u ta' bniedem bieżel, u issa, ŭara li lakkat chemxa flus ġmielha, biegħ il ħanut li fih chien jillega il cotba, u inġabar f'il campanja ma' martu biex ijkattgħu il ftit snin li bakgħilhom f'il qŭiet u mistrieħa. Daŭn huma tabilħakk tnejn minn nies li għarfu jagħmlu il genna tagħhom haŭn f'id-dinja. Katt ma tmereŭ biss chelma ma' xulxin, katt ma dendlu xuftejhom fuk xejn u dejjem fuk xogħolhom biex jakdu dmirhom. »

—« Zi, » kalet Rusanna b-leħen sħiħ sħiħ, «min jaf chemm haŭn nies għonja u li għandhom actar milli jasa gildhom flus u li jixtieku jibdlu xortihom ma' ta' ħaddieħor ? »

Carlu, li x'ħin Rusanna kalet daŭn il chelmiet, chien ŭasal ħdejhom, ŭakaf, dar fukha u b'leħen jirtogħod kalilha :

—« Isma Ros, mela inti tixtiek actar li jcolloc ragel li jħobbec milli jcun għani, hux ? » u baka jħares ċass lejha.

—« Dan sgur.... li cont nista, » ŭiegħbet daħcana u misthija Rusanna.

—« Li cont tista ? ! eh ? ! Tista iva, Ros, u biex takta xeŭktec xejn ma jinħtieġ ħlief li tgħid chelma ŭaħda biss.... » U sa chemm Carlu kalilha hecc kalbu chienet tinstama tħabbat ma' sidru sitta sitta.

—« U x'chelma hi din ? Carl, » staksietu collha imbixcla Rusanna.

—« Li inti trid tcun għarusa tiegħi : nitolboc xejn tarah bi cbir dan li kiegħed ingħidlec. Jiena ili rasi mitlufa ŭarajc u ŭrejtec s'issa mħabba cbira f'certa biċċa li iz-ziju biss jaf. Iżda illum inkbadt, kalbi għamlithieli; u ġa la darba ncxift, xejn tokgħod tistaħba ŭara sebgħec, Ros, għid ċar u tond dac li tħoss f'kalbec, iva jeŭ le. Haŭn iz-ziju Censu kiegħed jismagħna, aħna ngħidu dac li nħossu, imbagħad il biċċa nerħuha f'idejh biex jirranġaha hu. »

Carlu resak fuk Rusanna, ħadilha idha f'idu, u jirtogħod bħal xakk ta' kasba beda jrossielha ma' kalbu. Ried ijcompli jgħidilha xi ħaġ'oħra, iżda ilsienu tekel għal collox u iddmugħ beda jgelben minn għajnejh donnu żibeġ. Rusanna kalbha riedet tinkasam b'il ferħ. Hija ucoll chienet ilha issorr għalih f'kalbha mħabba ta'l genn. Issa meta rat li tagħha ma chienitx ħolma, tbixclet, tħaŭŭdet għal l-aħħar. Riedet tŭiegeb iżda cliem hecc malajr ma sabitx.

Zijuhom ħeba malajr demgħa li kabżet minn għajnejh, u biex ma jħallihomx jindunaŭ kabad l'ir-Rusanna minn spallitha u kallha:

—« Ej, Ros, tbiegħilnhiex b'għalja. Ara x'sejjra tŭiegbu» u beda jidħak biex jagħmillha il kalb.

—« Ros, Ros,» compla jgħidilha Carlu b'idha f'idu, «Ros, chelma ŭaħda biss, għa'r-ruħ ommoc. Tridni b'għarus tiegħec? għid ? »

Rusanna tefgħet minchibha fuk id-dahar ta's-siġġu, ħbiet ŭiċċha, kalet « iva » chemm chemm tiftihem, u nfexxet f'bichja bħal tarbija.

—« Hecc mela, Ros, » kabeż kal Censu is-Suldat, x'ħin id-dmugħ ta'l ferħ beda jgherbeb ŭaħda ŭara l-oħra fuk ħaddejh; « hecc, mela Ros, aklagħha sa fl-aħħar, eħilsu. Jien mela se'nħallicom ħalli tcomplu tiftiehmu aħjar. » U illarga b'ittbatija minn ħdejhom.

L-għada Censu gibed f'rocna lil bin-ħuħ Carlu, u kallu illi is-somma meħtieġa għall vjaġġ ta' Spanja chienet ingemgħet u għalhecc chienu jistgħu jħejju rŭieħhom biex jitilku.

Din il bxara li chien imissha gegħlet lil Carlu jtir b'il ferħ, b'il maklub, ma tantx tatu gost u chemmex xuftejh.

—« Chif » kal fih in-nifsu, «mela jien sejjer inħalli lil Rusanna issa li għadna chif bdejna ninħabbu b'id-diher ? Sejjer nibda m'il-eŭŭel naksmilha kalba ? »

U seħet dic it-trovatura li biex ijsibha chellu jitbiegħed għal tant jiem m'il maħbuba tiegħu.

Minn x'ħin daħlitlu f'kalbu din l-imħabba hecc kaŭŭija dic il chilba u regħba għal flus li chellu kabel naksulu b'il bosta.

Chien jixtiek jicseb dic is-somma cbira ta' flus biex biha jsib il ħena tiegħu. Issa li dina it-tħennija sabha ŭisk acbar f'kalb Rusanna, daŭc il flus collha x'chienu jisŭeŭlu ?

Iżda billi chien ilu tant ijredden lil żijuh fuk d'it-trovatura ma riedx issa, x'ħin ŭaslu biex jieħodha taħt idejh, jarġa l-ura minn chelmtu u jgħidlu li dan it-teżor ma jridux biex ma jitbegħidx minn Rusanna.

Ix-xŭejjaħ Censu lesta collox; u ftit ġranet ŭara avża lil Carlu li chienu jistgħu jitilku.

Rusanna ma chienitx hemm f'dac il ħin. Telgħu f'carrozzin ta'l chiri u telku.

Censu kabel ma telku, ħa ħsieb gieb f'butu il ġurnali li chienu jitħaddtu m'il cbir teżor ta' flus li chien hemm midfun fuk ix-xtajta ta'd-Dŭero. Meta sab ruħu ras imb' ras ma' Carlu, tahomlu f'idejh u talbu biex jiflihom seŭŭa biex jaraŭ jistgħux ijsibu xi ħaġa li tcunilhom ta' gid.

Carlu l-eŭŭel ma sab chien dac li kara kabel, imbagħad iltaka ma'r-risposta li biha il gvern spanjol ċaħad lil Franciżi biex ijfittxu dac it-teżor fl-artijiet tiegħu u il kuddiem iżjed sab xi ħŭejjeġ fuk xi tiftixiet li chienu għamlu għalxejn ħafna negozjanti minn Barzlona. Ħaseb li ma chienx baka x'ijfittex iżjed meta għajnejh ŭakgħu fuk ittra iffirmata minn ŭieħed m'il capijiet ta'l cumpannija tagħna. Is-sabreċ, jien minn għalija ilu ħafna snin mejjet. Naraŭ x'igħid, hu li miegħu chien l-actar jiftaħ kalbu il Captan tagħna. »

F'loc li ŭiegeb Carlu għajjat għajta bħal barri fgat. Chien kara l-ittra u sa kraha il leŭn ta' ŭiċċu tbiddel mitt darba.

—« Jakaŭ ? x'sibt ? » staksieh bla ma tħaŭŭad xejn Censu.

—« X'sibt ? helŭa din.... Jecc da'l misħut ta' Dufour ijgħid is-seŭŭa nistgħu ma ncomplu il vjaġġ tagħna xejn. »

*(Jissocta).*

# CRONOLOGIJA TA' MALTA.

AUUISSU.

16—1556. Beda jinbena il Cunvent ta'l Agostinjani ta'r-Rabat ta'l Imdina.

17—1545. Dragut ħarbat Għaŭdex.

18—1800. Il Cav: A. Ball issospenda il Congress Nazzjonali.

19—1577. Miet f'Ruma l-Iskof tagħna Royas.

20—170. Is-Saracini ħadu Malta.

21—1534. Miet il Gran Mastru L-Isle Adam.

22—1813. Hareġ proclama li ħadd ma sata jiġbor il koton.

# IS-SAHHAR FALZUN.

Fetaħlu minnufih kaddej u stagħgeb meta rah gie f'dic ix-xita collha. Ħadlu ħsieb iż-żiemel, daħħalulu fl-istalla u tela biex ijgħid lil Balliju De Goutre li gie De Saqueville. Iżda dana chien ġa tela minn jeddu ħdejh billi chien midħla seŭŭa ta'd-dar u ħobż u sicchina ma'l Balliju, li chien ijħobb ħafna lil Cavalier u li hu chien dejjem jatih id-daŭl f'cull prasputa li chien ijsib ruħu fiha. U għalhecc De Saqueville ħa f'dic il-lejla dic it-tixriba collha, għaliex chellu mitt sena biex ijfittex ijgħidlu b'il basla li daħal fiha ma' Carmena u ħalli jara il Balliju x'dehen jista jatih biex jeħles minnha u biex ma jakax taħt id-dŭiefer ta'l killa ta' ħuha Ambroġ li ma chienx sejjer ijħalli dic id-dakka ta' ħarta cherha li kala għaddejja chif gieb u laħak.

Il Balliju chien kiegħed ma' dŭar mejda mimlija b'ichel m'il aħjar u b'ħafna imbejjet li chienu jibagħtulu niesu minn Franza stess u li chienu jagħmlu huma stess m'il oksma tagħhom. Ma dŭaru chellu xi żeŭġ Cavalieri żgħażaħ ma' xi nisa minn daŭc li dari is-sŭar ta'l Isla chienu imsemmija għalihom.

Malli daħal De Saqueville cullħadd kam jifrah bih u jridu jokgħod ħdejh għa'x il-ħali chien dħuli u ħlejju ŭisk. Iżda hu ŭara li ŭrihom li ħa ħafna pjacir b'il ferħ tagħhom kagħad b'il kiegħda ma' genb De Goutre u ŭera m'it-tfixchil tiegħu li chellu xi għomma u li ma chienx jara is-siegħa li jserraħha ma' l-egħżeż fost ħbiebu—il Balliju. Dana billi moħħu chien imferrex band'oħra u billi i-imbit chien ġa beda jsaħħanlu rasu ma fehemx x'gie jagħmel De Saqueville u għalhecc compla jiddieħak u jitbellaħ ma'l oħrajn.

Dana il Balliju De Goutre chien ŭieħed minn daŭc il ħafna Cavalieri ħżiena li bla ħeda chienu kiegħdin jaħmu il kiegħa contra il Gran Mastru La Cassiere, billi hu, ragel tajjeb, chien ijrid li l-Irhieb ta' S. Ġŭann ijgħaddu ħajja kaddisa chif ŭiegħdu l-Alla meta libsu dic il libsa biex ijċarċru demmhom għa't-tŭemmin tiegħu u biex jiekfu ma'l morda u jsabbru l-imnicctin.

Iżda bosta Cavalieri chienu jitmuha xort'oħra. Imrobbija mgħaŭŭma f'il ħażen, li f'dac iż-żmien chienet imgħargħra fih id-dinja collha, imberrda klubhom fl-imħabba lejn il Cnisja m'it-tagħlim karrieki ta' Luteru u ta' Calvinu, chienu libsu ta' Cavalieri actarx biex juru ruħhom b'it-tama li jsiru Gran Mastri milli biex ijgħixu ħajja ta' insara tasseŭ. U għalhecc ma chienx ħlief dejjem jisħak fukhom ta' veru missier, biex ijżommhom dejjem bogħod chemm jista minn dic it-triek ħażina li fiha żgħużithom chienet iġġarrathom.

Il Balliju, billi chien ŭieħed m'il Cavalieri l-actar mogħtija għal ħajja faħxija u bla kies, ma satax ijcun ħlief ŭieħed m'il acbar għedeŭŭa ta'l Gran Mastru u għalhecc chien jiġbor f'daru il kixx u il mixx ta'l Cavalieri collha biex f'il ħin li jħarraxhom għal cull ħaġa ħażina, jsaħħanhom dejjem contra La Cassiere billi actarx f'kalbu chien kiegħed jobton it-tama li jġarrfu minn fuk it-tron biex jilħak f'locu.

Dana ma chienx għad chiser ħlief l-erbgħin sena iżda bilħ chien mibrum b'saffejn, donnu ġorf u għoli donnu blandun ma chienx juri sninu u għalhecc ma chienx ijgib actar minn ħamsa u tlietin. Chellu għajnejh żorok, sbiħ u li chienu dejjem jibru, bi ħleŭŭa li issaħħrec, donnhom żeŭġ cŭiecheb f'lejla ħiemda ta' Mejju. Xagħru chien ixkar u l-haŭn u l-hemm, imbellak; u it-tifsila taŭŭalija ta' ŭiċċu chienet ma' l-eŭŭel dakka ta' għajn li ittih turic li chien imnissel m'il actar demm bnin ta' Franza. Kalbieni bħal dorbies f'it-taktigħa ma'l għedeŭŭa, zoccra ta'l kampiena ma' cull min jersak lejh, idejh miftuħa ma cullħadd u xalatur b'il chif, min sata ma jingibidx lejh fost daŭc il Cavalieri żgħażaħ u ma jitħassarx b'il ħażen tiegħu? Dana jfehimna għala De Saqueville chien ijgibu bla tarf. Xicu u Bricu, chienu it-tnejn ijgħinu lil xulxin m'il aħjar li jistgħu f'il praspar· coroħ tagħhom.

Il Balliju beda jferraħ l-imbit lil De Saqueville u dana, biex ma jagħmilx għajb lil sħabu, beda jbexxex ġmielu. Ix-xita chienet kiegħda iċċeccec ma l ħġieġ donnha trid tchissru, iżda iċ-ceccic ta't-tazzi u id-daħk, u l-għajat u it-tfakkiegħ ta' beŭs tagħhom chien jitfi collox. Is-sħana ta'xxorb u ta'd-dŭal taffiet ucoll ir-reżħa ta' dic il-lejla kalila u moħħhom ma chienx imbixchel f'ħaġ'oħra ħlief li jkattgħu żgħużithom m'il aħjar li jistgħu.

*(Jissocta.)*

---

## ID=DIABETE

hi marda li jecc tilkagħha m'il eŭŭel tista tfiek minnha f'kasir żmien, iżda li jecc tħalliha tidħol il geŭŭa seŭŭa bla ma ticcuraha tista anche tibagħtec id=dinja l-oħra. Ilhom snin cbar jitħabtu biex ijsibu rimedju seŭŭa li jfejjakha f'kasir żmien u għal collox u fl-aħħar irnexxeŭ billi sabu il

**FERMENTIN**

li scond ma jgħidu l-aħjar Professuri ta'd-dinja għal d'il marda ħadd ma jagħilbu. Ippruvaŭħ mela m'il actar fis!

---



Min hu marid bl-Anemija (nakar ta'd-demm) u jrid ijfiek f'għoxrin ġurnata jieħu

**L'ELIXIR**

**TA' S. VINCENS DE PAOLI**

Is-Sur G. Muscat ŭara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaŭŭi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaŭŭija. Daŭna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaŭħ fukhom stess jeŭ fuk xi ħadd ieħor u ħarġu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr: Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor-Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.

Jinbigħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**

Ippruvaŭħ! gid jagħmlilcom sgur.

---

## GHA'N = NERVUSI!

Meta tħossoc għajjien, kalbec seŭda, nifsec maktugħ, bla rkad u bla aptit, tisħon għal xejn; meta tara collox icreħ, cullħadd joboghdoc, collox imgħaŭŭeġ f'il ħajja u tibchi jeŭ tidħak għal xejn b'xejn ijcolloc dic il marda li jsejjħulha

**NEVRASTENIJA**

u jecc tasseŭ hemm medicina li tista tfejjakha jeŭ li tagħmillec ħafna gid hi

## L=ANTINEVROTICU

TA'L

**Prof: DE GIOVANNI**

li chiteb l-isbaħ opra fuk dina il marda, u li giet imfaħħra ħafna m'il aħjar tobba ta'l Italja. Tinbiegħ fi fliexchen għand

**l-Ispizzjar ALFREDO CUMBO**

ta' kuddiem il Club ta' Strada Rjali ta'l Belt.

Ippruvauha! gid tista taghmel biss.

---

Fl-Istitut ta's-Sur C. L. Borg, ta' Strada Due Porte, 188-189 l-Isla jintgħata cors regolari ta'l-lingŭa ingliża, taljana, franciża, latina, ta'l Matematica u ta'l Cummerċ, ta'l Istorja, Calligrafija u Reliġjon.

---

In-neguzjant u ħajjat Giovanni Valenzia ta' Bormla għadu ghemm ircieva assortiment cbir ta' casimiri, flanelli, alpaca u ta' drappijiet oħra m'il aħjar; u javża li jagħmel ilbiesi minn lira u tnax il xelin il fuk. Min ijrid jixtri id-drapp biss ijbegħlu ucoll. Collox irħis u iggarantit.

Min ijrid jitgħallem ijfassal seŭŭa ilbiesi ta'l-irgiel u ta'n-nisa jmur għand il Professur Vincenzo Grech, Strada Alessandro, No 5 (fuk Putirjal) il Belt, li tgħallem fl-Accademji ta' Londra, ta' Parigi, u ta' Torin.

Tridu tpejjpu sigarretti m'il aħjar u m'il orħos?
Ixtru is-sigarretti "Special" ta' Alfredo Caruana ta' Ta's-Sliema li jimbigħu f'il ħŭienet principali.
F'daŭna is-sigarretti hemm l-armi ta'l cunjomijiet.

Min ijcun ijrid jircanta xi hag'a u jrid jitlak-ha f'idejn seuua b'garanzija talli jcollu bi flus kiegh-din l-Anglo Egyptian Bank, u b'il ftehim li sa ju-mejn uara il bejgh ghandu jatic il flus, li jcunu dahlu f'idejc; u ma dana bi drittijiet l-actar moderati imur ghand

Is-Sur DIOMEDE AZZOPARDI

TA'

STRADA RJALI, Nru: 10A. IL BELT,

fejn ijsib ucoll ghal bejgh cull xorta ta' mobbli u faj-jenzi, g'odda u seconda man, bi prezzijiet irhas tasseu.

Min ijrid jixtri

CAUCAU

m'il ahjar, bla tahlit, bla grass u li ghandu fama tajba f'Malta ta' tlietin sena, ijfittex il marca tant imfahhra

BENSDORP

ghand il maghrufa minn cullhadd

C. CAMILLERI & SONS

50-51, STRADA MERCANTI — IL BELT.

U MA JIBDIELUX.

**In-"Nahla" tistampa ruhha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien fi Strada Magazzini, Nru. 8, il Furjana fejn ijsir ucoll cull xorta ta' xoghol ta' stam-pa b'ir-rekka collha u bi prezzijiet irhas ferm.**